**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 2 ta' Diċembru, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Paul Attard)**
**-vs-**
**Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah detentur tal-passaport Libyan JFGGYH9**

*Kumpilazzjoni Nru. 756/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah** u ċioe` talli:

> Nhar l-4 ta' Diċembru, 2021, għall-ħabta ta' bejn is-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30 hrs) u s-sagħtejn ta' filgħodu (02:00 hrs) ġewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan u l-inħawi tal-madwar:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' **Luka Grixti** f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura gravi skond kif iċċertifikat minn Dr. Alexander Paul Grima (MD 4137) ta' Mater Dei;

2. Ħa parti attiva fi ġlieda aċċidentali li fiha **Luka Grixti** sofra offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu;

3. Ħebb kontra **Luka Grixti** sabiex jinġurja, idejqu jew jagħmillu l-ħsara;

4. Ħebb għal **Ylenia Agius** u kkaġunalha offiża ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat minn Dr. Alexander Paul Grima (MD 4137) ta' Mater Dei;

5. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MEL983 tal-għamla Opel għad-detriment ta' **Luka Grixti**, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (2500 ewro) iżda huwa aktar minn mitejn u ħamsin ewro (250 ewro);

6. Saq vettura bil-mutur tal-għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni GQZ570 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż;

7. Irrifjuta jew naqas milli jagħti kampjun tan-nifs tiegħu wara li kien avżat li dak in-nuqqas jew rifjut jikkostitwixxi reat;

8. Bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;

9. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D, fid-digriet mogħti nhar il-25 t' Ottubru 2019, li bih tgħat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

   Din l-Onorabbli Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Luka Grixti** u **Ylenia Agius**, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Din l-Onorabbli Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat ghal- ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu għad-danni subiti mill-vittma skond l-Artikolu 15A tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Mahmoud Mustafa Mohammed Aldabah jew ma tapplikahomx fl-intjier tagħhom, u dan *ai termini* tal-artikolu 579 (1) tal- Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Din l-Onorabbli Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex id-depożitu u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi kkonfiskat fl-intjier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat, u dan *ai termini* tal-Artikolu 579 (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-1 ta' Lulju, 2022[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 237(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 339(1)(d), 7(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 214, 215, 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 15E (1)(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 338(m), 7(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikolu 579(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 31, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2022, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-20 ta' Frar, 2024.

Ikkunsidrat ukoll,

Illi din il-kawża kienet ilha differita għall-provi difiża, inkluż minn din il-Qorti kif diversament preseduta, sa mis-17 ta' Frar, 2023. Id-difiża naqset milli tag]mel il-każ tagħha ghal xejn inqas minn sitt (6) darbiet.

Fl-20 ta' Frar, 2024, din il-Qorti kif preseduta, iddiferiet il-kawża għall-aħħar darba għal-20 ta' Marzu, iżda dakinhar u fiż-<u>żewġ seduti</u> li saru appożitament

[1] Fol.157
[2] Fol.162

wara u cioe fil-21 ta' Mejju, 2024 u fit-2 ta' Lulju, 2024, id-difiza tal-imputat ma saritx u l-Qorti ġiet kostretta, wara sentejn tistenna li l-imputat jippreżenta l-każ tiegħu, tiddiferixxi l-proċeduri għas-sentenza.

## IL-PROVI

Il-**Current Incident Report**[3] jsemmi kif il-Pulizija mill-Għassa ta' San Ġiljan ġew infurmati mill-Control Room li kien hemm inċident fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan fejn wara argument li nqala, weġġħu xi persuni. X'ħin wasslu l-Pulizija sabu Toyota Aygo ħamra numru ta' reġistrazzjoni GQZ570 maħbuta fuq in-naħa ta' wara ta Opel lewn silver bin-numru ta' Reġistrazzjoni MEL983, misjuqa minn ċertu Luke Grixti li deher bi ġrieħi fuq għajnejh tax-xellug. Spjega kif waqt li qabeż il-mini ta' Santa Venera direzzjoni lejn l-Msida x-xufier tal-vettura Aygo *"beda jsuq b'manjiera perikoluża b'tali mod li ma bediex isuq dritt u kien hemm ħinijiet ukoll li beda jikser għal ġewwa fija. Eżatt wara l-mini ta' Santa Venera jien bdejt nevitah iżda f'daqqa u l-ħin baqa dieħel gas down għal darba darbtejn fuq il-wara tal-karozza Opel."* Hekk kif Grixti nieżel mill-vettura biex jieħu ritratti, ir-raġel l-ieħor, li ġie identifikat bħala l-imputat Mahmoud, qabad issawtu bid-daqqiet ta' ponn. Wara qabad ġiżirana minn ma għonqu u beda jsawwat lil Grixti biha u beda anke jaghti daqqiet fuq il-windscreen tal-Opel u fuq il-mera tan-naħa tax-xufier. Grixti resaq lejh biex ma jkomplix jagħmel ħsara u anke ħadlu ċ-ċavetta tat-Toyota biex ma jaħrabx minn fuq il-post. Fil-vettura ma Grixti kien hemm Matthew Borg u Ylenia Agius b'din tal-aħħar f'mument minnhom daħħlet bejn Grixti u Mahmoud biex tferraqhom iżda ir-raġel qabadha minn xagħarha u tefagħha mal-art. Fuq il-post il-pulizija setgħet tosserva hsarat fuq il-*windscreen*, mera tal-lemin u fuq il-*bumper* ta wara tal-Opel. L-Aygo kellha hsarat fuq il-*bumper* ta' quddiem u l-*headlight* ta' quddiem tan-naħa tal-lemin.

Il-pulizija ħadet dikjarazzjoni mingħand Lydia Belardi li kienet riekba mal-imputat li stqarret li huma kienu ħabtu f'vettura u meta ħarġu Mahmoud u x-xufier tal-Opel dawn qabdu jiġġieldu. Mahmoud kien qed isuq il-vettura li kienet rikba fiha.

Il-pulizija fuq il-post setgħu ixommu riħa ta alkoħol fuq Mahmoud u għalhekk ittieħed l-għassa sabiex isir *breathalyser test*. Madanakollu Mahmoud irrifjuta li jieħu t-test.[4] Iż-żewġt irġiel sussegwentement ġew ċertifikati li sofrew ġrieħi ħfief.

[3] **Dok.JPA2** a fol.7-9
[4] **Dok.JB1** a fol.34 u Dok.**JB2** a fol.35

Il-**Current Incident Report** ġie konfermat minn **PS649 Joseph Buhagiar**.[5]

Fl-**istqarrija**[6] minn tiegħu l-imputat iddikjara *"Dan l-inċident taħt il-mina direzzjoni minn San Ġiljan qisek sejjer għal Gżira. F'dak il-ħin partikolari, ġiet karozza quddiemi u beda qisu mitluf isuq lejn ix-xellug u l-lemin, waqaf quddiemi. Zamm il-brejkijiet b'saħħithom u ħbat ma-karozza tiegħu"* ikompli li mill-vettura ħarġu żewġt rġiel u tfajla fejn raġel poġġa idejh ma għonqu u t-tfajla ġiet minn naħa l-oħra u bdiet issawtu w għalhekk hu spiċċa jrid jiddefendi ruħu. Riekba fil-karozza miegħu kien hemm Libjan u żewġt tfajliet Franċiżi.

**Karen Cremona,** in rappreżentanza ta' Transport Malta, ddikjarat li l-Opel Astra kienet tappartjeni lil ċertu Joseph Grixti filwaqt li t-Toyota Aygo kienet rreġistrata fuq Auto Rentals Co. Ltd. u kienet ilha hekk reġistrata sa mill-2020.[7]

**Luke Grixti** filwaqt li esebixxa ċertifikat mediku[8] fejn il-ġrieħi li sofra ġew ċertifikati bħala ta' natura gravi, beda biex jispjega kif wara li telqu minn Paceville biex imorru l-Waterfront bil-vettura Opel Astra, u kien fil-mina li tieħdok għal Belt ra Toyota ħamra tinstaq *wrong way*. Kif ħareġ mill-mina din il-karozza ġiet quddiemu billi daħħlet fuq il-*lane* tax-xellug u żammet *break* qawwi. Kienet ix-xita. Il-vettura bdiet iserrep u għalhekk malli sab iċ-ċans qabiżha u reġa' daħal fuq il-*lane* tax-xellug. X'kien ser jaqbad in-niżla, *"qbadt nislowja jien u fil-mera qed nara karozza ġejja bis-saħħa. U missitni l-ewwel darba. Sakemm qed nislowja għax ovvjament aċċident tieqaf, tatni it-tieni daqqa u t-tieni daqqa kienet ħafna ikbar mill-ewwel waħda. Qbadt il-mobile jien da il-ħin, dort fuq l-oħrajn u għidtilhom ha ninżel nieħu r-ritratti. Mort fuq in-naħa ta' wara tal-karozza il-ħamra u mort biex noħdilha ritratt tan-number plate u dan ir-raġel li ħareġ minn naħa tax-xufier u x-xufier tal-karozza ġie quddiem in-number plate, intefgħali hekk biex jgħatti n-number plate u jien qbadt, mort in-naħa tal-karozzi, ħadt ritratt tal-karozzi u f'daqqa u l-ħin nqala daqqa ta' ponn...dort fuqu, għidtlu għaliex qed tagħti u reġa' tani daqqa ta' ponn oħra. Ħatafni minn hawn..[spalltu] ... u jtini kontinwament bil-ponn."* Grixti niżel fil-baxx biex jipprova jaħrablu, jimbuttah u mar għan-naħa tal-passiġġier fejn kien hemm it-tfajla tiegħu li bdiet tgħajjat *"qed itieh, qed itieh, qed itieh"* u dan reġa ġie, ħatfu u kompla jtih. Isemmi kif sieheb dan ir-raħel beda jipprova jwaqqfu. Hemmhekk is-sitwazzjoni ikkalmat ftit. Sadanittant it-tfajla tiegħu ċemplet 112.

Iżid,*"Jien mort nipprova nieħu aktar ritratti u rajtu jgeżwer xi ħaġa ma idejh u qabad jagħti bil-ponn il-windscreen tal-karozza tiegħi u xxuttja il-mera u sieħbu, dak il-ħin beda jgħidlu 'ejja ha mmorru, ejja ha mmorru'. Rajt il-bieba tan-naħa tax-xufier tiegħu*

[5] Fol.31
[6] **DokJPA4** a fol.13-14
[7] Fol.108,
[8] **Dok.LG1** a fol.36

*miftuħa u ħadtlu ċ-ċavetta minn ġol-ignition għax qishom riedu jaħarbu minn fuq il-post kif bdew jagħmlu. Dort in-naħa l-oħra ta' fejn kien hemm it-tfajla tiegħi iċċempel lill-112...ġie fuqi ġie fuqi, qalli 'give me the key and give me my mobile' bl-Ingliz. U għidtlu, 'I don't have my* (sic) *mobile, għidtlu 'the key is in my pocket, you have to wait for the Police' jien. U dak il-ħin reġa' tani daqqa ta' ponn oħra f'din l-area. Sadanittant dik il-ħaġa li kellu ma idejh, kienet għada f'idejh. U ħatafni lili, beda jtini, jiena kontinwament nimbuttah. Dak il-ħin naħseb indirizzajt għal għonqu għax bdejt nipprova nżommu l-bogħod minni għax beda jweġġani lili fuq din in-naħa... [naħa tax-xellug tal-wiċċ u tar-ras]. .. U bdejt inħoss id-demm nieżel. Imbuttajtu lili u ġibidni għal miegħu. Waqajna mal-art."* It-tfajla tiegħu u t-tfajla tar-raġel l-ieħor bdew jippruaw iwaqqfuhom iżda hu ġibed it-tfajla ta Grixti minn xagħarha w taha daqqa ta' sieq. Waqqa' lil din it-tfajla u sadanittant hu qam minn mal-art. Dak baqa jagħti kontinwament u Grixti kellu il-ħin kollu jimbuttah biex iżommu l-bogħod minnu. X'ħin raw il-pulizija, hu w t-tfajla tiegħu marru jiġru warajhom biex iwaqqfuhom għax kienu sejrin fid-direzzjoni ta' San Ġiljan u x'ħin il-pulizija ħareġ mill-vettura hu tah iċ-ċavetta li kien ha mill-vettura Aygo.

Ix-xhud ikompli jsemmi kif id-daqqiet fuq il-windscreen tiegħu kienu kontinwi. Esebixxa ritratti li juru il-ħsarat li ġarrab. Luke Grixti esebixxa ċertifikat mediku.[9] Kellhom isirulu punti ftit l'hemm mill-għajn ix-xellugija u kellu tbenġil fuq in-naħa ta' wara ta widnejh. Il-vettura tiegħu ġarrbet ħsarat fuq il-*bumper* u t-*tailgate*, filwaqt li kissirlu żewġ fanali. Grixti identika lill-imputat bħala r-raġel li jirreferi għalih fid-depożizzjoni minn tiegħu.

Esebixxa faxxikolu ritratti kif ukoll stima tal-ħsarat li ġarrab.[10] Fost ir-ritratti hemm dak tal-imputat b'żaqqu barra fix-xita u fil-kesħa tal-lejl. Din l-istima hi ta' €518.02 għal *parts* u ma tinkludix labour.[11]

**Ylenia Agius** spjegat kif kienet rikba ma Grixti u Matthew fid-direzzjoni lejn l-*skate park* meta f'ħin minnhom semgħet lil Luke jgħid *"dan x'qed jagħmel"* u x'ħin ħarset rat karozza, Toyota Aygo ħamra, quddiema iserrep u ma kienet qed iżomm fuq lane waħda u kważi daħħlet fuqhom.[12] Għalhekk ppruvaw joqgħodu lura jew jaqbżuha. Ħin minnhom ħa *break* f'salt u x'ħin raw inaqqas il-veloċità, qabżuh u komplew fi triqthom l-isfel. F'daqqa waħda ħassew daqqa minn wara imbghad daqqa oħra b'saħħitha minn wara. Peress li kienet ix-xita hi u Matthew baqgħu fik-karozza u nieżel biss Luke biex jieħu xi ritratti. **Minn warajhom rat l-imputat, identifikat in awla, ħiereġ biex jaghti daqqa ta ponn lil Luke f'wiċċu.** Għalhekk hi bdiet tgħajjat biex jieqaf iżda hu kompla jtieh u Luke beda jgħidilha ċċempel lill-pulizija. Malli l-imputat ra ċċempel il-pulizija,

[9] **Dok.LG1** a fol.36
[10] **Dok.LG2** a fol.55
[11] Fol.66
[12] Fol.67-68

mar fuqha biex jwaqqafha, tant li setgħetx titkellem għaliex *"Beda il-ħin kollu jwaddabni għal mal-art, beda jiġbidni minn xagħri u jtini bis-sieq mal-art u x'ħin, mat-tielet darba il-ħin kollu bdiet tinqata it-telefonata għax ma bdietx tkellimha lura. Mar-raba darba ersaqt il-bogħod u rnexxieli nkellimha."* Sadanittant **x'ħin resqet l-imputat laħaq neża il-ġiżirana u beda jagħti biha f'wiċċu, l-iktar lejn għajnejh.** Hi rat wiċċ Luke mimli dmija u talbet lil-pulizija għall-ambulanza. Id-daqqiet kollha ġew indirizzati lejn ras Luke[13] kif tassew juri r-ritratt tal-wiċċ imdemmi tiegħu.[14]

Agius tkompli tiddeskrivi kif l-imputat *"beda jipprova jwaqqafni milli nċempel u waqqgħali l-mobile mal-art, itini bis-sieq f'saqajja. Għandi bejn rkuptejja u l-għaksa ta' sieqi tbenġil kollha...għadhom jidhru t-tbenġil... U kelli saqajja minfuħa. Dak il-ħin ma kellix tbenġil. Kelli boċċi f'sieqi fejn kelli d-daqqiet"*.[15] Esebiet ċertifikat mediku li klassifika l-ġrieħi tagħha, *"swelling right ankle"* bħala ta' natura ħafifa.[16]

**Matthew Borg** iddeskriva kif fl-4 ta' Diċembru, 2021, waqt li kien fil-vettura ma Luke u Ylenia ~~għaddejjin~~għaddejjin mill-mini li ~~jaghtu~~jagħtu għall ~~msida~~Msida, ra karozza *overtaking* meta fit-triq kien hemm *cones* u l-karozzi kienu għaddejjin fiż-żewġ *lanes* tal-istess mina. X'ħin qabżu ftit il-mini, dan il-persuna daħal quddiemhom u *"Bdejna narawh qisu qed iserrep u mhux qed isuq sewwa u anke' jibbrejkja xi kultant f'salt. Imbagħad x'ħin sibna ċ-ċans pruvajna nagħmlu overtaking biex ma nkomplux insuqu warajh u jiġifieri morna fuq il-fast lane u Luca reġa daħal fl-slow lane wara li qabżu. Ftit wara konna ha nibdew neżlin in-niżla u peress li kienet ix-xita u hekk, slowja naqra Luca u dan baqa' dieħel ġo fina minn wara. Mal-ewwel daqqa inqata minn magħna. Luca waqaf kompletament u reġa' daħal fina, it-tieni daqqa. Luca ħareġ mill-karozza biex jara l-inċident, x'damages kien hemm u anke jieħu r-ritratti. Sadanittant jien u Ylenia bqajna fil-karozza. F'salt, jiena ma kontx qed inħares lura imma Ylenia qabdet tgħajjat, 'oħroġ, oħroġ Matt, qed jagħtih, qed jaghtih, qed jaghtih' …… ħriġna mill-karozza. Jien* ***bdejt nara lill-persuna l-oħra jagħti daqqiet ta' ponn lil Luca. Luca kien qed jipprova jieħu ritratti tal-inċident u dan beda jidħol fin-nofs kull darba u ma jħallihx jieħu ritratti.*** *Ylenia pruvat iċċempel lill-Pulizija biex jiġu fuq il-post.* ***Dan il-persuna dak il-ħin qisu ġiet rabja iktar fih. Qabad, qisu kellu xi ħaġa f'idu, ta daqqa ta' ponn fuq il-windscreen tal-karozza u anke kisser il-mera tal-karozza ta' Luca."*** Kompla jiddeskrivih kif dawk li kienu rikbin ma dan ir-raġel bdew jippruvaw jiġbduh lura filwaqt li anke Ylenia pruvat tidħol fin-nofs biex ma jkomplix jagħti lil Luca w iżid, ***"F'waħda mid-daqqiet, dan l-aggressur fetaħ wiċċ Luca, fuq moħħu u kellu d-demm bażikament."***[17]

---

[13] Fol.68-69
[14] Fol.66
[15] Fol.70
[16] **Dok.YA1** a fol.37
[17] Fol.82-83

Ix-xhud iddeskriva li meta l-imputat għamel l-*overtaking* billi daħal fil-*lane* minn fejn kienu ġejjin karozzi mid-direzzjoni opposta.[18] Ftit wara, wara li ħallew il-mini u allura ma kienx għad hemm *traffic cones*, Luca daħal fil-*fast lane* biex qabżu w wara li qabżu reġa daħal fl-*slow lane*. Iżid, *"Luca ried jevita li jsuq warajh għax dan ir-raġel beda jsuq bl-addoċċ, beda jibbrejkja f'salt jiġifieri bdejna nibżgħu li dan ha jibbrejkja u aħna nidħlu fih għax bix-xita tiskidja imbghad Luca għamel overtaking biex imur fuq il-lane l-oħra u jaqbżu."*[19] Saħaq li kull ma għamel Luca kien li jipprova jevita lill-imputat minħabba s-sewqan ħażin tiegħu biex ma jkollhomx xi aċċident.[20]

**Lydia Belardi**, spjegat li kienet ma Mahmoud meta karozza griża bdiet isuq quddiemhom u huma qabżuha u ftit wara din l-istess karozza reġgħet qabżithom. Meta dan waqaf huma daħlu fiha. Ix-xufier tal-vettura griża u Mahmoud ħarġu mill-vetturi bix-xufier jimbotta lil Mahmoud u hemm bdew jiġġieldu.[21] Kemm hi kif ukoll it-tfajla rikba fil-vettura l-griża bdew jippruvaw jisseparaw liż-żewġt irġiel iżda din it-tfajla wara bdiet tiġġieled ma Mahmoud u bdiet tibki kif ukoll ċemplet lill-pulizija. Ix-xhud tkompli li riedet iċċaqlaq il-karozza qabel jaslu l-pulizija iżda ma kienx hemm ċavetta.[22] Tinsisti li kien ix-xufier l-ieħor li malli ħareġ mill-vettura tiegħu mbotta lill-imputat u bdew jagħtu.[23] Ma ratx lill-imputat jieħu ritratti u lanqas rat lill-imputat juża ġiżirana iżda rat lix-xufier bid-demm ħiereġ.[24]

Toħroġ kontradizzjoni fil-verżjoni tagħha meta aktar il-quddiem mistoqsija x'kien qed jagħmel Grixti tgħid li meta Mahmoud ħareġ mill-vettura ***"He was on [in] the car...I don't know because he stopped infront of us"!***[25]**Dan ifisser li ma setgħax kien il-każ li Grixti ħareġ l-ewwel biex jagħti s-salt fuq l-imputat. Dettal ieħor li jkompli jindika lill-Qorti li ma għandhiex tistrieħ fuq din ix-xiehda hi li skond Belardi l-imputat baqa dejjem liebes ġakketta oranġjo[26] u dan meta hemm ritratt[27] li jurih liebes biss qmis sewda miftuħa beraħ u sidru barra!!**

[18] Fol.85
[19] Fol.86
[20] Fol.87
[21] Fol.120-121
[22] 122-123
[23] Fol.124
[24] Fol.125-126
[25] Fol.130
[26] Fol.131
[27] Fol.59

Ġie preżentat[28] digriet dwar l-għoti tal-ħelsien mill-arrest mogħti lill-imputat nhar il-25 t'Ottubru, 2019 mill Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo.[29] L-Ispettur Joseph Mercieca ikkonferma l-identità tal-imputat odjern f'dawk il-proċeduri.

Fid-dawl tal-provi miġjuba, il-Qorti tqis li hi l-verżjoni tal-vittmi u tax-xhud Matthew Borg li ġġorr kredibbilità w konsistenza. Fil-fehma tal-Qorti, ma hemmx dubbju dwar id-dinamika tal-inċident, kif anke jikkorroboraw ir-ritratti esibiti. Kien l-imputat li wara li ra li ma rnexxilux iwaqqaf lil Grixti milli jieħu ritratti tal-inċident, fejn hekk kien ser jinkixef li kien qed isuq mingħajr ma kien debitament liċenzjat, meta kif intwera hu kien igawdi minn ħelsien mill-arrest u għalhekk potenzjalment seta jitlef il-garanzija komplessiva ta' €9,500, aggredixxa lil Grixti. Din l-aggressjoni laħqet  il-qofol tagħha x'ħin intebaħ li kienet issejħet il-pulizija fuq il-post, u kien hemm li issa beda jagħti bil-ġiżirana fuq il-windscreen u infexx f'dagħdija jaghti daqqiet lil Grixti. Kif tgħid Belardi, ppruvaw jitilqu minn fuq il-post, iżda peress li Grixti ħa ċ-ċavetta tal-vettura, il-pjan tagħhom – għemil li fih innifsu jikkostitwixxi reat ieħor – ma rnexxiex.

*Natura tal-Ġrieħi*

**Dr. Stephanie Buhagiar** xehdet li meta eżaminat l-imputat sabet nefħa f'idu l-leminija, u senjatament fit-tliet suba, filwaqt li kellu brix fuq il-parti ta' quddiem tal-għonq li jvarjaw minn 2cm-7cm fit-tul.[30]

**Dr. Alexander Paul Grima** ikkonferma ċ-ċertifikat li ħareġ lil Luke Grixti fejn sab li kellu ġrieħi gravi. Kellu tbenġila u qasma fuq il-ħaddejn tax-xellug, nefħa w barxa fuq imnieħru u telf ta' ġilda fuq it-tarf tas-suba l-kbir tax-xellug. Ylenia Agius kellha nefħa fl-għaksa tal-lemin u għalhekk ġiet ċertifikata li sofriet minn ġrieħi ħfief.[31]

Fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Salvinu Vella** intqal:[32]

> 17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. It test Inkliz juza l-kelma "*hands*" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu mqanqal mill-imputat meta jghid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza ghal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-**Notes On Criminal Law** – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u

[28] **Dok.CFF1**. Verbal a fol.98
[29] Fol.146A
[30] Fol.99
[31] Fol.102-103
[32] Per Imħallef Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D; Appell Nru. 496/2015. Deċ. 30 ta' Settembru, 2019

jghid: "*Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body...*" (Sottolinear tal-Qorti);

18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi *ex* artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum ghal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).

22. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:

**B'mankament … fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto *notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.**

19. Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk ghaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali ghal dawk l-estremitajiet tal-gisem li solitament huma dejjem mikxufin u ghaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali tagha, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza ghal-diversi sentenzi ohra foshom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

**Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijeit ohra, l-isregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment..."**

21. Fi kliem iehor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-gisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka ghal ftit hin kif fuq spjegat. F'kaz ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti ohra tal-gisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiza mhix fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti ohra tal-gisem, l-offiza hija wahda hafifa. Ghalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab htija ta' offiza gravi qed tinsab htija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiza hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2).

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali, **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, deċiża fit-30 ta' Marzu, 1998, intqal:

"Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu" Il-Professur Mamo ighid: ***"To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues.***

Illi fil-ktieb tiegħu, Notes on Criminal Law, il-**Professur Anthony J. Mamo** ikompli jgħid hekk:

In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted.... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu.[33] [sottolinejar ta' din il-Qorti].

Imbagħad fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Zachary Vella**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x' tagħmel:[34]

[33] Pagna 225. Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Noel Degiorgio**, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Marseanne Farrugia 22.12.2014; **The Police vs Chinonso Jude Okeakpu** 2.10.2013 **u Il-Pulizija vs Stephen Ciangura**, 26.09.2012, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima.

[34] Per Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.; Appell Nru. 46/2017; Seduta tat-3 ta' Mejju 2019.

Illi fl-ahhar aggravju minnu intentat l-appellant jikkontendi illi l-griehi sofferti mill-appellant ma jaqghux taħt id-dettami tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali billi s-snien ma jiffurmawx parti mill-wiċċ u ma jwasslux għall-elementi tal-isfreġju skont kif rikjest mill-liġi.

L-appellant jigi mixli u misjub ħati tar-reat tal-offiza gravi kif mahsub fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali:

**216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tlett xhur sa tlett snin –**

**(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;**

Illi:

**Skont l-artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, ggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghallfinijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skont l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici kriminali**[35]

Dan l-isfregju jikkonsisti f':

**B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghall-kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skont gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu ihallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).**[36]
[Sottolinjear ta' din il-Qorti]

Fl-isfond tal-ġurisprudenza enunċjata m'hemmx dubbju li l-imputat għandu jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni addebitata lilu iżda ai termini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, in kwantu Grixti sofra nefħa fuq imnieħru kif ukoll laċerazzjoni fuq għajnejh tax-xellug.

Għaldaqstant mill-assjem tal-provi l-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni pruvat il-każ tagħha.

---

[35] **Pulizija vs Fortunato Sultana** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar il-5 ta' Frar 1998.

[36] **Pulizija vs Paul Spagnol** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996.

Madanakollu l-Qorti ma tistax tagħti forza probatorja lir-riċevuti dwar xogħlijiet li saru biex tissewwa l-vettura ta' Grixti li ġew preżentati mill-Prosekuzzjoni[37] iżda li ma ġewx awtentikati skond il-liġi jew, minn tal-anqas, ġew esibiti mill-parte leża. Dak li ser tistrieħ fuqu l-Qorti huma l-stimi li ppreżenta Luca Grixti nnifsu fejn l-ammont kien da ta' €518.02 għal *parts* u liema stima ma inkludietx *labour*.[38]

**Piena**

Fil-konsiderazzjoniet tagħha dwar il-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li jinsab addebitat bihom l-imputat u li dwarhom qed tinstab ħtija. Ittieħed kont tal-fedina penali aġġornata tal-imputat esibita fuq ordni ta' din il-Qorti u taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Fil-konsiderazzjoniet tagħha dwar il-piena, ġie mfakkar il-kliem erudit u meqjus ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-proċediment **Il-Pulizija vs Francis Mamo**: [39]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[40]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja

[37] Fol.92-94 u 147
[38] Fol.66
[39] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008
[40] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[41]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Snin qabel, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Josef Camilleri** qalet:[42]

Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -

*"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika* " (sottoliear ta' din il-Qorti)

u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Lanqas ma jista' ma jitteħidx kont tal-kliem erudit tal-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha fil-ġuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs Victor Pace:**[43]

Dan it-tip ta' agir li, fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li "l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" w li "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni." (Ap. Krim. Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi [15-12-2005] u ohrajn). Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f'dawn il-kazijiet m'ghandix tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza imma wahda effettiva w immedjata.

Finalment issir riferenza għat-tagħlim erudit tal-Qorti tal-Appell kriminali (Sede Inferjuri) fil-proċediment **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn anke ġie kwotat **Lord Justice Lawton**, dwar dak li għandu jiggwida Qorti meta tiġi biex teroga il-piena:[44]

---

41 **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

42 Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007

43 Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono; Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006, Att t' Akkuża Nru. 27/2003

44 Per S.T.O. Il-Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiża 13 ta' Novembru, 2009, Appell Nru.328/09

Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,…… Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:

**"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

Finalment ġie ikkunsidrat li bejn l-ewwel tlett imputazzjonijiet japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati fejn il-piena l-aktar gravi hi dik kontemplata bl-ewwel imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 214, 215, 216(1)(b), 221(1), 237(b), 325(1)(b), 338(m), 339(1)(d) u 579(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 15(1)(a), 15E(1)(4) u 15H(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għoxrin xahar (20) priġunerija u multa ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800).

Inoltre tenut kont li l-imputat qed jinstab ħati li kiser il-kundizzjonijiet li dwarhom ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo nhar il-25 t' Ottubru, 2019, ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tiegħu w tordna r-**riarrest** tal-imputat fil-proċedimenti li fihom ġew pronunzjati l-imsemmija digrieti dwar ħelsien mill-arrest.

B'konsegwenza qed tordna l-konfiska tad-depożitu ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) u tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500) mill-garanzija imposta bl-imsemmi digriet.

Ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat jikkumpensa lil Grixti fl-ammont komplessiv ta' elf u mitejn Ewro (€1,200), liema ammont jinkludi l-ħsarat minnu kawżati w mhux anqas jikkumpensa lil Grixti għall-offiżi li ġarrab kawża tal-għemil salvaġġ tiegħu.

Inoltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, qed toħroġ Ordni ta' Trażżin għal żmien tlett snin kontra l-imputat a favur ta' Luke Grixti u Ylenia Agius.

Inoltre ai termini tal-artikoli 15(3) u 15(H)(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputat qed jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' sentejn millum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lil Transport Malta (Land Transport Directorate).

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

**Notifika:** Onor. Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo
Transport Malta (Land Registry)